# LOQMA ĦOBŻ

*B'diqa u karba*
*loqma ħobż*
*kont tlabtek darba.*

*Iżda l-ħobż li ridt titmagħni*
*kien għadu lanqas biss*
*sar qamħ safrani.*

*U l-għalqa tiegħek*
*minħabba fija*
*flok żrajtha qamħ*
*baqgħet ħamrija.*

ĠORĠ BORG

# RAXX

*It-tfajla li niżlet sax-xatt*
*ġie r-raxx ta' l-imħabba fuq wiċċha*
*u ħolmot kif joħlom kulħadd.*

*'Mma meta l-mewġ għaja*
*u naqqas u naqqas fis-skiet,*
*il-ġibda tal-baħar intfiet.*

*U stenbħet it-tifla*
*mill-ħolma l'għaddiet.*

ĠORĠ BORG

Għażla kbira ta' kotba u rivisti lokalj u barranin issibuha

**fl-IDEAL BOOKSHOP**

**(Putirjal, faċċata tat-Terminus tar-Rabat, Għawdex**
**Telephone 76609)**

Lesti li nordnaw kotba li ma jkollniex u nagħtu skont sabiħ għal kwantitajiet.